

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-24 ta' Awwissu 2007

li temenda d-Deċiżjoni 2007/554/KE rigward ċerti miżuri ta' protezzjoni kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer fir-Renju Unit

(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 4058)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2007/588/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

ta' kuntatti possibbli ma' l-irziezet infettati u l-kontrolli implimentati fuq il-moviment ta' l-annimali u l-prodotti.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 dwar spezzjonijiet veterinarji fil-kummerċ intra-Komunitarju bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tagħha,Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar il-kontrolli veterinarji u zootekniki applikabbli għall-kummerċ intrakomunitarju ta' ċerti annimali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(4) tagħha,

Billi:

- (1) Ġie ddikjarat li kien hemm tfaqqigħa tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer fir-Renju Unit.
- (2) Il-qagħda tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer fir-Renju Unit tista' tipperikola l-merħliet fl-Istati Membri l-oħra, fid-dawl tal-kummerċ ta' annimali bijungulati ħajjin u tat-tqegħid fis-suq ta' ċerti prodotti tagħhom.
- (3) Minħabba l-qagħda tal-marda fir-Renju Unit, ġiet adottata d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/554/KE ⁽³⁾ biex issaħħa il-miżuri ta' kontroll li ħa r-Renju Unit għall-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer.
- (4) Madankollu, bħalissa huwa possibbli li jiġu aġġustati ż-żoni taħt restrizzjoni biex jitqiesu r-riżultati ta' l-ittraċċar

- (5) Bħalissa u msejjes fuq it-tagħrif ipprovdut mir-Renju Unit, iż-żoni mniżżla fl-Anness I u fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/554/KE għandhom jinkludu ż-żoni ta' ħarsien madwar it-tifqigħat kkonfermati u ż-żona ta' sorveljanza konsolidata fl-inħawi f'Surrey, stabbiliti skond id-Direttiva tal-Kunsill 2003/85/KE tad-29 ta' Settembru 2003 dwar miżuri tal-Komunità fuq il-kontroll tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer li tirrevoka id-Direttiva 85/511/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/531/KEE u 91/665/KEE u temenda d-Direttiva 92/46/KEE ⁽⁴⁾.

- (6) Fid-dawl tal-qagħda epidemjoloġika u l-miżuri ta' kontroll effettivi implimentati fiż-żona ta' riskju għoli, il-modifika msemmija hawn fuq tneħħi ż-żona ta' l-qugh bejn iż-żona mnaqqsa ta' riskju għoli u l-parti bla mard tar-Renju Unit. Madankollu jinħtieġ li l-parti tal-Gran Brittanja barra ż-żona ta' sorveljanza tapplika l-istess superviżjoni veterinarja supplimentari u ċertifikazzjoni bħal dik fis-seħħ fl-Irlanda ta' Fuq minn mindu ġiet adottata d-Deċiżjoni 2007/554/KE.

- (7) Barra minn hekk, għandhom jitneħħew ir-restrizzjonijiet mar-Renju Unit kollu fuq il-moviment ta' l-equidae u l-ħtieġa li t-tajers tal-vetturi jitbixxew b'dizinfezzant.

- (8) Il-qagħda għandha tiġi eżaminata mill-ġdid fil-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali skedata għall-11 ta' Settembru 2007, u fejn ikun meħtieġ, il-miżuri għandhom jiġu addattati.

- (9) Id-Deċiżjoni 2007/554/KE għandha għalhekk tiġi emendata skond dan.

- (10) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

⁽¹⁾ ĠU L 395, 30.12.1989, p. 13. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2004/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 157, 30.4.2004, p. 33; verżjoni kkoreġuta ĠU L 195, 2.6.2004, p. 12).

⁽²⁾ ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2002/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 315, 19.11.2002, p. 14).

⁽³⁾ ĠU L 210, 10.8.2007, p. 36.

⁽⁴⁾ ĠU L 306, 22.11.2003, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2006/104/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 352).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2007/554/KE hija emendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu 10(2) u l-Artikolu 12 jitħassru.
- (2) F'Artikolu 17, "25 ta' Awwissu 2007" tinbidel bi "15 ta' Settembru 2007".
- (3) L-Annessi I u II jinbidlu bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jemendaw il-miżuri li japplikaw għall-kummerċ biex iġibuhom konformi ma' din id-Deċiżjoni. Huma għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan minnufih.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 24 ta' Awwissu 2007.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

"ANNEX I

Iż-żoni li ġejjin fir-Renju Unit:

Iż-żoni ta' ħarsien u ż-żona ta' sorveljanza konsolidata madwarhom huma stabbiliti skond l-Artikolu 21 tad-Direttiva 2003/85/KE fil-Kontea ta' Surrey fil-Gran Brittanja.

ANNEX II

Iż-żoni li ġejjin fir-Renju Unit:

Iż-żoni ta' ħarsien u ż-żona ta' sorveljanza konsolidata madwarhom huma stabbiliti skond l-Artikolu 21 tad-Direttiva 2003/85/KE fil-Kontea ta' Surrey fil-Gran Brittanja."
